Il-Kummissjoni Ewropea

# Multi f'każ ta' ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni

## X'għandu jkun l-iskop tal-multi?

Il-politika tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni hija politika ta' prevenzjoni. Għaldaqstant toħroġ linji gwida estensivi dwar kif wieħed ikun konformi mal-liġi. Jekk il-kumpaniji jiksru l-liġi jistgħu jiġu imposti xi multi. Il-multi wkoll għandhom l-għan aħħari li jipprevjenu u għalhekk għandhom jissodisfaw żewġ objettivi: li jservu ta' kastig u li jiskoraġġixxu. Il-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni jħalli l-qliegħ jekk ma jiġix ikkastigat – u huwa għalhekk li l-kumpaniji jwettqu dan il-ksur. Jekk nieħdu l-kartelli bħala eżempju, l-OECD tat ħarsa lejn għażla ta' kartelli, fejn stmat li ż-żieda fil-prezz medju tkun ta' 15% sa 20% u sa massimu ta' 50%.[i] Jekk kartell jopera għal għadd ta' snin, kull sena l-kumpaniji involuti jibbenefikaw minn dawn il-prezzijiet ogħla. Dan irid jitqies meta tiġi stabbilita l-multa, sabiex jinkiseb l-objettiv ta' prevenzjoni fl-industrija kollha.

Il-politika tal-Kummissjoni dwar il-multi hija msejsa fuq il-prinċipji li xi ksur jirriżulta f'iktar ħsara għall-ekonomija minn ksur ieħor, li ksur li jaffettwa valur għoli ta' bejgħ jagħmel iktar ħsara minn ksur li jaffettwa valur baxx ta' bejgħ u li ksur imwettaq fuq żmien twil jagħmel iktar ħsara minn ksur imwettaq fuq perjodu qasir ta' żmien.

## Kif jiġu kkalkulati l-multi?

**Perċentwali tal-valur tal-bejgħ rilevanti:** Il-multa tibda tiġi kkalkulata bħala perċentwali tal-bejgħ annwali tal-kumpanija tal-prodott milqut mill-ksur. Ġeneralment, il-bejgħ rilevanti jkun il-bejgħ tal-prodotti inklużi fil-ksur li jkun sar fl-aħħar sena sħiħa li matulha kien qed isir il-ksur.[ii] Tista' tiġi applikata perċentwali massima ta' 30% fuq il-valur tal-bejgħ rilevanti tal-kumpanija, u dan jiddependi minn kemm ikun serju l-ksur, li fih innifsu jiddependi minn għadd ta' fatturi fosthom, in-natura tal-ksur (pereżempju l-abbuż ta' pożizzjoni dominanti, l-iffissar ta' prezzijiet, it-tqassim tas-suq), l-ambitu ġeografiku u jekk il-ksur ikunx ġie implimentat jew le. Fil-każ ta' kartelli, hemm it-tendenza li l-perċentwali rilevanti tkun bejn 15% sa 20%.

**Tul ta' żmien:** Din il-perċentwali tal-valur tal-bejgħ rilevanti tiġi multiplikata bl-għadd ta' snin u xhur li fihom ikun sar il-ksur. Dan ifisser li l-multa hija marbuta mal-valur tal-bejgħ li jkun sar waqt il-ksur, u li ġeneralment huwa meqjus li jagħti indikazzjoni tajba tal-ħsara li l-ksur ikun għamel lill-ekonomija fiż-żmien li kien qed isir. Għaldaqstant, huwa meqjus li l-ħsara magħmula minn ksur li jdum sentejn tkun id-doppju tal-ħsara magħmula minn ksur li jdum sena.

**Żieda u Tnaqqis:** Il-multa tista' tiżdied (pereżempju jekk il-kumpanija tkun reċidiva), jew titnaqqas (pereżempju jekk l-involviment tal-kumpanija kien limitat jew jekk il-ksur ikun ġie mħeġġeġ mil-leġiżlazzjoni jew mill-awtoritajiet). Fil-każijiet dwar kartelli l-multi jiżdiedu darba b'ammont ekwivalenti għal 15% sa 25% tal-valur tal-bejgħ ta' sena, biex b'hekk iservu ta' deterrent addizzjonali li jħalli l-ikbar impatt f'kartelli ta' tul ta' żmien qasir u li huwa mfassal biex jiskoraġġixxi milli jiġu ppruvati l-kartelli (dak li jissejjaħ "tariffa tad-dħul").

**Limitu ġenerali:** Il-multa hija limitata għal 10% tal-fatturat annwali kollu tal-kumpanija. Il-limitu ta' 10% jista' jkun imsejjes fuq il-fatturat tal-grupp li tiegħu l-kumpanija tkun tifforma parti, u dan jekk il-kumpanija prinċipali tkun eżerċitat influwenza deċiżiva fuq l-operat tal-kumpanija sussidjarja waqt il-perjdou li fih kien qed isir il-ksur. Hemm ukoll perjodu ta' limitazzjoni ta' ħames snin mit-tmiem tal-ksur sal-bidu tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni.

**Tnaqqis ta' Klemenza:** Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-kumpaniji involuti f'kartelli biex jikkoperaw mal-Kummissjoni billi jippreżentawlha provi li jistgħu jgħinuha fis-sejba ta' kartelli u biex tibni l-każ tagħha.[iii] L-ewwel kumpanija li tipprovdi biżżejjed provi dwar kartell li permezz tagħhom il-Kummissjoni tkun tista' ssegwi l-każ tista' tibbenefika minn immunità totali mill-multi; sussegwentement, kumpaniji oħrajn

jistgħu jibbenefikaw minn tnaqqis sa massimu ta’ 50% tal-multa li tkun se tiġi imposta fuqhom.[iv]

**Tnaqqis marbut ma' Ftehim:** Fil-każijiet dwar kartelli, il-Kummissjoni toffri tnaqqis ta’ 10% tal-multa jekk il-Kummissjoni tilħaq ftehim mal-kumpanija.[v] Permezz ta’ ftehim jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi tad-deċiżjonijiet dwar il-kartelli, anki dawk li jsiru quddiem il-qorti, u l-Kummissjoni tkun tista' tittratta iktar malajr il-każijiet dwar il-kartelli, u għaldaqstant hi tkun tista’ tiddedika r-riżorsi tagħha għal investigazzjonijiet ġodda.

## Inkapaċità li jsir il-ħlas

F’ċirkostanzi eċċezzjonali[vi], il-Kummissjoni tista’ tnaqqas il-multa jekk il-kumpanija tipprovdi provi ċari u oġġettivi biżżejjed li l-multa x’aktarx se taffettwa b’mod serju l-vijabilità ekonomika tal-kumpanija. L-analiżi tagħti ħarsa fid-dettall lejn fatturi varji speċifiċi għall-kumpanija, u għandha l-għan li tkun oġġettiva u kwantifikabbli kemm jista’ jkun sabiex ikun żgurat li jingħata trattament ugwali u li jibqa’ jkun hemm deterrent.

## X’inhi l-bażi legali għall-multi tal-Kummissjoni?

L-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat (TFUE) jipprojbixxu prattiki antikompetittivi varji. L-Artikolu 103 jagħti s-setgħa lill-Kunsill Ewropew biex iwaqqaf sistema ta’ infurzar, inkluż l-impożizzjoni ta’ multi.

Ir-Regolament tal-Kunsill 1/2003,[vii] imsejjes fuq l-Artikolu 103 tat-TFUE jagħti s-setgħat lill-Kummissjoni biex tinforza dawn ir-regoli u biex timmulta lill-kumpaniji f’każ li jwettqu ksur. Huwa jistipula l-prinċipji li l-multa għandha tkun imsejsa fuq il-gravità u d-dewmien tal-ksur u jillimita l-multa massima għal 10% tal-fatturat kif imsemmi hawn fuq.

F’kull deċiżjoni l-Kummissjoni tispjega kif tkun ikkalkulat il-multa. Mhix obbligata li tistipula linji gwida ġenerali imma dawn diġà kienu ġew stipulati fl-1998[viii], biex b’hekk il-politika tagħha dwar il-multi ġiet iktar trasparenti u saret iktar responsabbli għall-azzjonijiet tagħha. Biż-żmien sar evidenti li dawn il-Linji Gwida kienu qed iwasslu għal multi li kienu baxxi wisq għall-kumpaniji l-kbar, b’mod partikolari għal dawk li jkunu f’kartelli li jkunu ilhom għaddejjin għal żmien twil u li jkopru volum kbir ta' prodotti, kif ukoll għal dawk reċidivi. Fl-2006, il-Kummissjoni evalwat mill-ġdid il-metodu tagħha u pprovdiet linji gwida iktar ċari għall-kumpaniji.[ix]

Il-Qrati Ewropej iwettqu reviżjoni tal-aspetti kollha tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni u għandhom is-setgħat kollha biex ivarjaw il-multi imposti. Il-prestazzjoni tal-Kummissjoni quddiem il-Qrati hija tajba – iktar minn 90% tal-valur tal-multi jibqa' l-istess fl-appell.

## Għaliex għandu jkun hemm linji gwida?

Il-politika dwar il-multi teħtieġ li tkopri medda wiesgħa ta’ ċirkostanzi fattwali differenti u huwa estremament diffiċli li dawn iċ-ċirkostanzi kollha jiġu mbassra minn qabel. Huwa għal din ir-raġuni li l-Kummissjoni żżomm il-kapaċità li temenda u taġġorna l-linji gwida tagħha jekk ikun meħtieġ, u li għaliha l-linji gwida jkun fihom dispożizzjonijiet li jistipulaw b'mod espress li jista' jkun hemm devjazzjoni mil-linji gwida f'każijiet xierqa.

Bosta awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni issa qed isegwu l-istess metodu, bl-użu ta' linji gwida dwar l-ikkalkular tal-multi li huma ġeneralment konformi ma’ dawk tal-Kummissjoni Ewropea.

## Fi ftit kliem:

| | |
|---|---|
| **Multa bażika** | Perċentwali tal-valur tal-bejgħ rilevanti (0-30%)<br>x<br>tul ta' żmien (snin jew perjodi ta' inqas minn sena)<br>+<br>15-25% tal-valur tal-bejgħ rilevanti: deterrent ulterjuri għall-kartelli |
| **Tiżdied permezz ta'** | **Fatturi aggravanti**<br>pereżempju mexxej tal-grupp, reċidiv jew ta' xkiel fl-investigazzjoni |
| **Titnaqqas permezz ta'** | **Fatturi li jnaqqsu l-multa**<br>pereżempju rwol limitat jew mġiba mħeġġa mil-leġiżlazzjoni |
| Suġġetta **għal limitu ġenerali** | **10% tal-fatturat** (għal kull ksur individwali) |
| **Li tista' titnaqqas iktar minħabba** | **Klemenza:** 100% għal tal-ewwel u sa 50% għal dawk li jiġu wara,<br>20-30% għat-tielet u sa 20% għall-oħrajn |
| | **Ftehim:** 10% |
| | **Tnaqqis minħabba inkapaċità li jsir il-ħlas** |

---

[i] http://www.oecd.org/dataoecd/16/20/2081831.pdf

[ii] F'ċerti każijiet, pereżempju meta l-fatturat jinbidel b'mod sinifikanti, l-aħħar sena kompluta tal-kartell tista' tagħti riżultat qarrieqi; f'dan il-każ il-Kummissjoni tuża sena oħra li tkun iktar tipika.

[iii] Avviż ta' Klemenza (ĠU C298, 8.12.2006, p.17)

[iv] Biex jibbenefikaw mill-Avviż ta' Klemenza, il-kumpaniji għandhom javviċinaw lill-Kummissjoni direttament jew permezz ta' rappreżentant legali. Hemm linji telefoniċi maħsuba apposta biex il-kumpaniji jkunu jistgħu jirċievu l-assistenza ta' uffiċjal tal-Kummissjoni (tel: +32 2 298.41.90 jew +32 2 298.41.91), u numru tal-faks għal dan il-għan (faks: +32 2 299.45.85).

[v] Avviż ta' Ftehim (Regolament: ĠU L171, 1.07.2008, p.3-5. Avviż: ĠU C167, 2.07.2008, p.1-6.

[vi] Il-punt 35 tal-Linji Gwida dwar il-multi (2006)

[vii] ĠU L1, 4.01.2003, p.1-25. Ir-Regolament 1/2003 issostitwixxa r-Regolament 17/1962, li kien fih dispożizzjonijiet identiċi dwar il-multi.
ĠU 13, 21.2.1962, p.204/62, kif emendat l-aħħar minn (KE)
Nru 1216/1999, ĠU L148, 15.6.1999, p.5

[viii] Il-Linji gwida dwar il-metodu ta' kif jiġu kkalkulati l-multi (ĠU C9, 14.01.1998, p.3-5)

[ix] Il-Linji Gwida dwar il-metodu ta' kif jiġu kkalkulati l-multi (ĠU C210, 1.09.2006, p.2-5)

Novembru 2011. Din in-nota qed tiġi pprovduta għal skopijiet ta' informazzjoni biss u mhix vinkolanti fuq il-Kummissjoni Ewropea. Hija bla preġudizzju għal-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar il-multi.

**Aktar tagħrif**
Il-Kummissjoni Ewropea – il-websajt tal-Politika dwar il-Kompetizzjoni
*http://ec.europa.eu/competition*